

31994L0031

2.7.1994

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 168/28

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 94/3KE
tas-27 ta' Ġunju 1994
li temenda d-Direttiva 91/689/KEE fuq l-iskart perikoluż

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 130s(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Waqt li aġixxa b'mod konformi mal-proċedura stabilita fl-Artikolu 189 'tat-Trattat,

Billi saret ħaġa ċara, permezz tal-ħidma tal-kumitat li hemm ipprovdut fl-Artikolu 18 tad- Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE ⁽³⁾ li ma kienx possibbli, fil-limiti taż-żmien iffissat bid-Direttiva 91/689/KEE ⁽⁴⁾, li titniżżel lista li torbot ta' skart perikoluż, iżda billi t-tħaddim tad-Direttiva 91/689/KEE jiddependi mill-istabbiliment ta' lista simili mill-Kummissjoni;

Billi huwa meħtieġ li jkun assigurat it-tħaddim tad-Direttiva 91/689/KEE fl-iqsar żmien possibbli;

Billi lista tal-Komunità ta' skart perikoluż għad trid tkun stabilita b'mod konformi ma' l l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 91/689/KEE;

Billi t-t]assir tad-Direttiva tal-Kunsill 78/319/KEE ta' l-20 ta' Marzu 1978 fuq skart tossiku u perikoluż ⁽⁵⁾ għandu għalhekk jiġi pospost,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 91/689/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. Dan li ġej għandu jkun sostitwit għall-Artikolu 10(1):

"L-Artikolu 10

1. L-Istati Membri g[andhom ida]]lu fis-se]] il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex iħarsu din id-Direttiva sas-27 ta' {unju 1995. Huma għandhom jinformaw lill-Kummissjoni minnufih dwar dan."

2. Dan li ġej għandu jkun sostitwit għall-Artikolu 11:

"l-Anness 11

Id-Direttiva 78/319/KEE għandha titħassar b'effett mis-27 ta' Ġunju 1995."

Artikolu 2

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fis-27 ta' Ġunju 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

C. SIMITIS

⁽¹⁾ ĠU C 271, tas-7.10.1993, p. 16.

⁽²⁾ ĠU C 34, tat-2.2.1994, p. 7.

⁽³⁾ ĠU L 194, tal-25.7.1975, p. 39. Direttiva emendata l-aħħar bid-Direttiva 91/156/KEE ((ĠU L 78, tas-26.3.1991, p. 32.)

⁽⁴⁾ ĠU L 377, tal-31.12.1991, p. 20.

⁽⁵⁾ ĠU L 84, 31.3.1978, p. 43. Direttiva emendata l-aħħar bid-Direttiva 91/692/KEE (ĠU L 377, tal-31.12.1991, p. 48).